**291. L-Onor. George W Vella, jipproponi li:**

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti,

Filwaqt li tinnota r-rapport magħmul mill-Ombudsman dwar ilment dwar aċċess għall-ponta tal-Fekruna f'San Pawl il-Baħar, u mgħoddi lill-Onor. Speaker, Dott.Lawrence Gonzi, skont kif ipprovdut fl-Artikolu 29 tal-Att tal-1995 dwar l-Ombudsman,

Liema rapport ġie mogħti lill-Onor. Speaker fis-27 ta' Mejju 1996, u mpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, Prof. Gwido de Marco fl-l ta' Lulju 1996,

Filwaqt li tinnota b'sodisfazzjon il-mod ċar u konċiż li bih l-Ombudsman spiega każ li ilu jitkaxkar żmien twil,

Filwaqt li tinnota wkoll kemm il-kritika kostruttiva li 1-Ombudsman għoġbu jagħmel fuq 1-operat ta' ċertu dipartimenti tal-gvern u fuq l-Awtorita tal-Ippjanar, kit ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li għamel,

Tikkundanna kull nuqqas tal-awtoritajiet pubbliċi li jesegwixxu deċiżjonijiet li jkun ħadu (para. 13),

Tikkundanna kull każ fejn l-awtoritajiet konċernati jkaxkru saqajhom biex jinfurzaw id-deċiżjonijiet (para. 14),

Tikkundanna 1-fatt li uffiċjali pubbliċi jersqu lejn min hu b'saħħtu b'mod kajman u apoloġetiku (para. 14),

Tikkundanna wkoll mezzi burokratiċi u legali li jittieħdu biex jittawwal it-twettieq ta' deċiżjonijiet (para. 14),

U tirrisolvi,

Li dan ir-rapport jinġieb mill-aktar fis possibbli għall-attenzjoni ta' kull min huwa nvolut f'dan il-każ partikolari,

Tara li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jiġu rispettati u possibilment imwettqa bla dewmien aktar,

Tirrakomanda biex fejn ma jeżistux, jinstabu dawk ir-riżorsi meħtieġa biex jiġi assigurat li deċiżjonijiet li jiġu implimentati minn dipartimenti governattivi u minn awtoritajiet pubbliċi, jkomplu jiġu osservati.

8.07.1996